**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 153/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Rodricka Cini**

**Illum 12 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rodricka Cini ta' 19-il sena, bint Joseph u Anna Maria xebba Abela, imwielda Pieta' nhar it-28 ta' Mejju, 1997, residenti 69, 19th March, Triq l-Imhazen, Floriana u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 222597M;

Akkuzata talli nhar il-11 ta' Marzu, 2017 ghall-habta tas-19:00 ta' filghaxija, f'Haz-Zebbug:

Ikkommettiet serq (ta' flus kontanti) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu €232.94) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Deborah Agius u/jew persuni ohra.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata fl-14 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata fedina penali, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, stqarrija, current incident report u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputata ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuza kif dedotta kontra taghha kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, setghet terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuza kif migjuba kontra taghha, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibha hatja taghha. Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija hafna ta' l-imputata, li sahansitra tirrizulta mill-istqarrija li ghamlet a fol 6 tal-process, u b'dan ghalhekk hija ikkoperat bis-shih mal-Pulizija Ezekuttiva.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 267u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja u permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma**

**taghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**